# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 836/94 JF**

**Saviour FARRUGIA bhala ufficjal inkarigat mit-Taqsima Generali ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni TeleMalta u b'digriet tal-21 ta' Jannar, 1999, il-kawza tkompliet taht l-isem ta' Maltacom p.l.c.**
**vs**
**Nello MICALLEF**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur noe s-somma ta' Lm857.69 (tmien mija u seba' u hamsin lira u disa' u sittin centezmu)

bhala prezz ta' servizz tat-telefon numru 520378 skond il-ftehim u l-prospett hawn esebiti a Dok A u B;

U premess illi interpellat sabiex ihallas dan il-kont, il-konvenut baqa' inadempjenti.

TALAB lil din il-Qorti:

1. Tikkundannah ihallas is-somma ta' Lm857.69 dovuta bhala prezz ta' servizz tat-telefon 520378, kollox kif intqal fuq.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' April 1994 kontra l-konvenut.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Nello Micallef fejn eccepixxa;

1. Illi l-ammont mitlub ta' Lm36 ghal "rent" mill-ewwel ta' Jannar 1990 sal-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 1991 huwa ammess.

2. Illi l-ammont mitlub ta' Lm20 ghal "rent" bejn l-ewwel ta' Jannar 1992 sal-wiehed u tletin ta' Dicembru 1992 mhux dovut fl-intier tieghu peress illi kienet saret il-procedura tat-trasferiment tal-linja tat-telefon.

3. L-ammont ta' Lm127.53 mitlub bhala "calls" ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Ottubru 1989 u wiehed u tletin (31) ta' Dicembru

1989 huwa kolpit bil-preskrizzjoni ta' hames snin a basi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16. L-ittra ufficjali tal-20 ta' April 1994 ma kienetx notifikata lill-konvenut.

4. Minhabba mard ta' mart il-konvenut, il-konvenut u martu telqu mil-flat 4, Selmun View f'Ottubru 1988 u dan il-flat baqa' mhux okkupat sal-bejgh tieghu f'Mejju 1992 (Dok A). Hlief l-overseas calls ta' Lm106 ma saru ebda calls minn dan il-flat f'dan il-perjodu, u ghalhekk bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, l-ammont intier ta' Lm823.64 huwa kontestat.

5. Salvi Eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, l-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti kompriz l-affidavitipprezentat mill-konvenut;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-konvenut kellu registrat fuq ismu linja tat-telefon ipprovduta lilu mill-Korporazzjoni attrici – ara ftehim a fol 6 iffirmat fl-10 ta' Marzu 1986. In-numru tat-telefon kien 570378 u l-post kien 4, Selmun View, Mellieha Heights, Mellieha. L-attur nomine jallega li fuq din il-linja u servizz relattiv baqghu dovuta diversi ammont li komplessivament jammontaw ghal Lm857.69. L-attur nomine

pprezenta wkoll prospett dettaljat maqsum f'kontijiet ta' kiri ta' servizz u kont ghal sejhiet ghaz-zmien mill-1 ta' Ottubru 1989 sal-1 ta' April 1992.

Il-konvenut jammetti biss l-ammont ta' Lm36.00 relativ ghal kirjiet mill-1 ta' Jannar 1990 sa Dicembru 1991.

Inter alia, l-konvenut eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni kwinternali kienet ghall-"calls" li allegatament saru bejn l-1 ta' Ottubru 1989 u 31 ta' Dicembru 1989, u dan skond l-artiklu 2156 (f) tal-Kap 16. Issa mill-atti jirrizulta li l-att tac-citazzjoni gie pprezentat fl-20 ta' Gunju 1994, pero' jirrizulta wkoll li c-citazzjoni giet notifikata – bil-procedura tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern (ara fol 14) – b'effett mis-7 ta' Frar 1995, u wara li nharget mir-Registru tal-Qorti in data tas-27 ta' Jannar 1995. Kwindi jirrizulta evidenti li kwantu ghall-kont dwar 'sejhiet' li setghu saru fl-1989 li dawn ma humiex aktar dovuti ghaliex jinsabu preskritti. Irrizulta li l-attur nomine spedixxa ittra ufficjali kontra l-konvenut fl-20 ta' April 1994 (ara Dok a fol 92 et seq) pero' mir-riferti maghha annessi (ara fol 93 u 94 tal-process) ma jirrizultax li din l-ittra ufficjali effettivament giet notifikata lill-intimat konvenut u kwindi ma pproduciet l-ebda interuzzjoni. Dan mela jfisser li mill-kont tal-attur ghandha tigi sotratta s-somma ta' Lm127.53 ghall-"calls" mill-1 ta' Ottubru 1989 sal-31 ta' Dicembru 1989.

Minbarra dan, jirrizulta wkoll li l-konvenut kien informa bil-miktub lill-korporazzjoni li b'effett mid-data tal-14 ta' Mejju 1992 huwa ma kellux aktar htiega tas-servizz telefoniku u talab li dan idur fuq isem terz, kif

fil-fatt sar. Issa fil-prospett tal-attur nomine (fol 5) hemm "item" b'ammont ta' Lm20.00 ghal kera mill-1 ta' Jannar 1992 sal-31 ta' Dicembru 1992. Ghalhekk jidher li, kif del resto eccepixxa l-konvenut, il-konvenut kien messu ntalab ihallas biss Lm8.33 u mhux l-ammont mitlub, u li ghalhekk din l-item trid tigi ridotta b'Lm11.67.

Dwar il-bqija l-konvenut jghid li huwa vvaka l-fond f'Ottubru 1988 u ghalhekk ma kienux qeghdin isiru "calls" mill-post. Illi mill-provi pero' jirrizulta li ghalkemm kien minnu li l-konvenut ma jidhirx li baqa' jghix fil-post fejn kien hemm is-servizz tat-telefon de quo, madanakollu l-pussess tieghu baqa' f'idejh sa Mejju 1992, li fil-post de quo huwa baqa' jmur fih kultant, li hemmhekk ukoll kienet tmur il-persuna li kienet tiehu hsieb it-tindif, li l-konvenut kellu apparat tat-telefon cellulari li kien b'xi mod imqabbad man-numru tat-telefon in kwistjoni; u li kien biss f'Mejju 1992 li l-konvenut informa lill-korporazzjoni li ma riedx aktar dan is-servizz fuq ismu. Dan ifisser, fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti kontrarja, li l-"calls" li saru - fatt ippruvat sufficjentement mill-attur nomine bil-prezentazzjoni ta' l-"itemized bills" (ara fol 45-53 tal-process) – kienu attribwibbli u dovuti kwantu hlas mill-utent registrat mal-attur nomine, jigifieri l-konvenut. Ghalhekk ifisser li l-bqija tal-kont huwa dovut mill-konvenut kif mitlub.

Tenut kont tas-suespost irid mela jitnaqqas mit-talba zewg ammont u cioe' Lm127.53 u Lm11.67, b'kollox Lm139.20. Billi l-attur nomine talab Lm857.69, ifisser li l-bilanc realment dovut kellu jkun ta' seba' mija u tmintax-il lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm718.49c).

Ghal dawn il-ragunijiet:

Tiddeciedi billi, filwaqt li t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici limitatament pero' ghall-ammont ta' Lm718.49c u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut li jhallas dana l-ammont per saldu tal-pretensjoni attrici, bl-interessi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Fic-cirkostanzi, l-kap tal-ispejjez ghandu jigi sopportat kwantu ghal sesta parti (1/6) mill-attur nomine u hamsa minn kull sitt parti (5/6) mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur AH.